32005D0743

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Ottubru 2005

li tippermetti lill-Istati Membri sabiex l-awtorizzazzjonijiet proviżorji għas-sustanzi attivi ġodda boscalid, indoxacarb, spinosad u l-virus tal-poliedroży nukleari Spodoptera exigua

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4002)

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/743/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju ta' l-1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u partikolarment ir-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 8 (1) tagħha,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE fl-April ta' l-2001 il-Ġermanja rċeviet applikazzjoni minn għand il-BASF AG għall-inklużjoni tas-sustanza attiva *boscalid* (li kienet tissejjaħ: *nicobifen*) fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/268/KE [2] ikkonfermat li d-dossier kien komplut fis-sens li jista' jiġi kkunsidrat bħala sodisfaċenti, fil-prinċipju, għall-ħtiġijiet tad-*data* u l-informazzjoni stipolati fl-Annessi II u III f' dik id-Direttiva.

(2) F' Ottubru ta' l-1997 l-Olanda rċeviet applikazzjoni mid-Du Pont de Nemours li tikkonċerna l-*indoxacarb* (li kien jissejjaħ: DPX-KN128). Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1998/398/KE [3] ikkonfermat li d-dossier kien komplut u li jista' jiġi kkunsidrat bħala sodisfaċenti, fil-prinċipju, għall-ħtiġijiet tad-*data* u l-informazzjoni stipolati fl-Annessi II u III f' dik id-Direttiva.

(3) Fl-Lulju ta' l-1999 l-Olanda rċeviet applikazzjoni mid-Dow Agrosciences li tikkonċerna l-i*spinosad*. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/210/KE [4] ikkonfermat li d-dossier kien komplut u li jista' jiġi kkunsidrat bħala sodisfaċenti, fil-prinċipju, għall-ħtiġijiet tad-*data* u l-informazzjoni stipolati fl-Annessi II u III f' dik id-Direttiva.

(4) Fl-Lulju ta' l-1996 l-Olanda rċeviet applikazzjoni mill-Biosys li tikkonċerna l-virus tal-polijedroży nukleari *Spodoptera exigua*. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1997/865/KE [5] ikkonfermat li d-dossier kien komplut u li jista' jiġi kkunsidrat bħala sodisfaċenti, fil-prinċipju, għall-ħtiġijiet tad-*data* u l-informazzjoni stipolati fl-Annessi II u III f' dik id-Direttiva.

(5) Kien hemm il-ħtieġa ta' konferma tal-kompletezza tad-dossiers sabiex setgħu jiġu eżaminati fid-dettall u sabiex l-Istati Membri setgħu jkollhom il-possibbiltà li jagħtu awtorizzazzjonijiet proviżorji, għall-perjodi sa tliet snin, għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom s-sustanzi attivi, filwaqt li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stipolati fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 91/414/KEE u, b'mod partikolari, il-kondizzjoni dwar l-assessjar dettaljat tas-sustanza attiva u tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fid-dawl tal-kondizzjonijiet stipolati minn dik id-Direttiva.

(6) Għal dawn is-sustazi attivi, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew assessjati, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva 91/414/KEE, għall-użi li ġew proposti mill-applikanti. L-Istati Membri rapporteur ressqu abbozz tar-rapport ta' l-assessjar lill-Kummissjoni fit-22 ta' Novembru ta' l-2002 (*boscalid*), fis-7 ta' Frar ta' l-2000 (*indoxacarb*) u fil-5 ta' Marzu ta' l-2001 (*spinosad*) u fid-19 ta' Novembru 1999 (virus tal-polijedroży nukleari *Spodoptera exigua*).

(7) Wara t-tressiq ta' l-abbozz tar-rapporti ta' l-assessjar mill-Istati Membri rapporteur, kien hemm il-ħtieġa li tintalab iktar informazzjoni mill-applikanti u li l-Istati Membri Rapporteur jeżaminaw dik l-informazzjoni u li jressqul-assessjar tagħhom. Għalhekk, l-eżaminazzjoni tad-dossiers għadha għaddejja u mhux ser ikun possibbli li l-evalwazzjoni tiġi kkompletata fil-qafas ta' żmien stipolat fid-direttiva 91/414/KEE.

(8) Minħabba li l-evalwazzjoni s'issa ma identifikat ebda dubju immedjat, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibiltà li jiġġeddu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi kkonċernati għal perijodu ta' 24 xahar skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 91/414/KEE sabiex tkun tista' titkompla l-eżaminazzjoni tad-dossiers. Huwa mistenni li l-proċess ta' evalwazzjoni u tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward ta' deċiżjoni dwar inklużjoni possibbli tas-sustanza attiva kkonċernata fl-Anness I ser jitlesta fi żmien 24 xahar.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/34/KE (ĠU L 125, 18. 5.2005, p. 5).
[2] ĠU L 92, 9.4.2002, p. 34.
[3] ĠU L 176, 20.6.1998, p. 34.
[4] ĠU L 64, 11.3.2000, p. 24.
[5] ĠU L 351, 23.12.1997, p. 67.

(9) Il-miżuri stipolati f' din id-Deċiżjoni huma f' konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri jistgħu jestendu l-awtorizzazzjonijiet proviżorji għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jikkuntienu l-*boscalid, indoxacarb, spinosad* jew il-virus tal-polijedroži nukleari *Spodoptera exigua* għal perijodu li ma jaqbiżx l-24 xahar mid-data ta' adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar id-19 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni